MALTA

ATT Nru. XXX ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu.

ACT No. XXX of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the National Tourism Organisation Act, 1984.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

4 ta' Novembru, 1988

ATT Nru. XXX ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. Att XXI ta' l-1984.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) It-tifsira ta' "Kunsill għall-Ħidma fit-Turismu" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

> ""Assoċjazjoni" tfisser assoċjazjoni rikonoxxuta mill-Ministru bħala l-assoċjazjoni li tkun tirrappreżenta l-akbar numru ta' intraprendenti f'settur partikulari tal-Industrija tat-Turismu; iżda meta iktar minn Assoċjazjoni waħda tivvanta l-pretensjoni li hi tkun tirrappreżenta lil xi settur partikulari tal-industrija tat-turismu, il-Ministru hu marbut li jirrikonoxxi lil dik l-Assoċjazjoni, li, wara li jiġu verifikati ċ-ċifri l-aktar reċenti tal-membri fl-assoċjazjoni miżmumin mir-Reġistratur tat-*Trade Unions* għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrjali, tirriżulta li tkun tirrappreżenta l-akbar numru ta' intraprendenti, li huma membri ta' assoċjazzjoni, f'dak is-settur;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "persuna" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"Segretarju" tfisser is-segretarju ta' l-Organizzazzjoni maħtur mill-Ministru bis-saħħa ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att;

"Teżorier" tfisser it-teżorier ta' l-Organizzazzjoni maħtur bis-saħħa ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

3. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-Bord Eżekuttiv ta' l-Organizzazzjoni jkun magħmul miċ-*Chairman*, iċ-*Chief Executive*, is-Segretarju, it-Teżorier, żewġ membri nominati mill-Kumpannija Air Malta, żewġ membri nominati mill-assoċjazjoni li tirrappreżenta is-settur tal-lukandi u ta' l-akkomodazjoni tat-turisti, membru nominat mill-assoċjazjoni li tirrappreżenta s-settur tal-*ground handling* tat-turisti, membru nominat mill-assoċjazjoni li tirrappreżenta s-settur tal-kiri tal-karozzi mit-turisti, u tliet membri oħra nominati mill-Ministru.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

4. Fl-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Il-Bord Eżekuttiv" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) il-Bord Konsultattiv ta' l-Organizzazzjoni jkun magħmul miċ-*Chairman*, iċ-*Chief Executive*, dak in-numru ta' membri li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jaħtar, u membru nominat minn kull wieħed minn:

(a) Air Malta Company;

(b) Gozo Channel Company;

(ċ) l-assoċjazjoni li tirrappreżenta s-settur tal-lukandi u ta' l-akkomodazzjoni tat-turisti;

(d) l-assoċjazjoni li tirrappreżenta s-settur tal-*ground handling* tat-turisti; u

(e) l-assoċjazjoni li tirrapreżenta s-settur tal-kiri tal-karozzi mit-turisti."; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "L-artikoli 10, 11, 12 u 14" għandhom jidħlu l-kliem "Is-subartikolu (3), l-artikoli 10, 11, 12 u 14".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "regolamenti sabiex jippreskrivi" għandhom jidħlu l-kliem "il-kontribuzzjonijiet li minn żmien għal żmien, għandhom jitħallsu bis-saħħa ta' dan l-artikolu u" u minflok il-kliem "erba' darbiet" għandhom jidħlu l-kliem "tliet darbiet".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-provvediment preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(2) Is-sena finanzjarja ta' l-organizzazzjoni għandha tibda fl-1 ta' Jannar ta' kull sena u tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

(3) Kemm jista' jkun malajr wara tmiem kull sena finanzjarja, u f'ebda każ iktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, it-Teżorier għandu jikkonsenja il-konteġġi ta' l-Organizzazzjoni verifikati minn uditur lill-Ministru li għandu kemm jista' jkun malajr iqiegħed dawn il-konteġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.".

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

8. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 1986, u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu, ir-Regolamenti ta' l-1984 dwar il-Kontribuzzjoni għall-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu għandhom jitqiesu li baqgħu fis-seħħ fi u wara l-ewwel jum ta' Awissu 1986, u li saru bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali kif emendat bl-artikolu 6 ta' dan l-Att.

Att XXVII ta' l-1986.

A.L. 64 ta' l-1984.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 155 tal-31 ta' Ottubru, 1988.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati